IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2022
COM(2022) 554 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ta' ħasil tal-flus u ffinanzjar tat-terroriżmu li jaffettwa s-suq intern u marbut ma' attivitajiet transfruntiera

{SWD(2022) 344 final}

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

It-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF)[1] tirrakkomanda li l-pajjiżi jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju f'kull settur soġġetti għal rekwiżiti dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Dawn għandhom jidentifikaw, jivvalutaw u jifhmu r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, u jieħdu miżuri preventivi proporzjonati.

Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza ta' approċċ supranazzjonali għall-identifikazzjoni tar-riskju, id-Direttiva (UE) 2015/849[2] (ir-raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus) kif modifikata mid-Direttiva (UE) 2018/843[3] (il-ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus), b'dan "l-AMLD", tagħti mandat lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tar-riskji speċifiċi tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati ma' attivitajiet transfruntiera.

Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali tagħha (SNRA) fl-2017[4] u t-tieni waħda fl-2019[5]. L-SNRA tal-Kummissjoni tal-2022 hija magħmula minn żewġ dokumenti: dan ir-rapport u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li meta jinqraw flimkien jipprovdu mmappjar komprensiv tar-riskji fl-oqsma rilevanti kollha, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa biex jiġu miġġielda.

L-Artikolu 6(1) tal-AMLD jirrikjedi li l-Kummissjoni taġġorna r-rapport tagħha kull sentejn (jew aktar ta' spiss jekk ikun xieraq). L-eżerċizzju attwali, kemxejn imdewwem mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, jivvaluta mill-ġdid is-setturi kollha koperti minn eżerċizzji preċedenti u, fejn iċ-ċirkostanzi ma nbidlux, jaġġorna u jirfina l-informazzjoni inkluża fir-rapport tal-2019. Għal dawk is-setturi jew il-prodotti fejn ikunu ġew identifikati bidliet rilevanti, il-valutazzjoni wasslet ukoll għal kalkolu mill-ġdid tal-livelli ta' riskju involuti (eż.: kriptoassi u logħob tal-azzard online, żewġ setturi li għalihom ir-riskju huwa aktar għoli issa)[6].

Bħal fir-rapporti preċedenti, din it-tielet edizzjoni tanalizza r-riskji attwali ta' ML/TF u tipproponi azzjoni komprensiva biex tindirizzahom. Din tivvaluta wkoll il-grad sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-miżuri ta' mitigazzjoni fir-rapport tal-2019 ġew implimentati u tevalwa r-riskji li jifdal. Hija tibbenefika wkoll mill-proċess ta' konsultazzjoni dwar ix-xogħol u l-partijiet ikkonċernati li wassal għall-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni tal-2020[7] u l-pakkett leġiżlattiv tal-AML/CFT propost fl-2021[8].

[1] FATF, National money laundering and terrorist financing risk assessment: https://www.fatf-gafi.org/documents/news/nationalmoneylaunderingandterroristfinancingriskassessment.html

[2] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); *ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73–117.*

[3] Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); *ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43-74.*

[4] COM(2017) 340 final.

[5] COM(2019) 370 final.

[6] Il-proċedura deskritta fil-kapitolu dwar il-Metodoloġija, l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD(2022)344 li jakkumpanjah.

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (2020/C 164/06); *ĠU C 164, 13.5.2020, p. 21–33.*

[8] COM(2021) 423 final: https://ec.europa.eu/info/publications/210720-anti-money-laundering-countering-financing-terrorism_en

Il-pakkett leġiżlattiv tal-2021 huwa parti mill-impenn tal-Kummissjoni li tipproteġi liċ-ċittadini u lis-sistema finanzjarja tal-Unjoni mill-ħasil tal-flus u mill-finanzjament tat-terroriżmu. L-għan tiegħu huwa li jtejjeb l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet u ta' attivitajiet suspettużi, u li jiġu eliminati l-lakuni użati mill-kriminali biex isir ħasil ta' rikavati illeċiti jew jiġu ffinanzjati attivitajiet terroristiċi permezz tas-sistema finanzjarja. Huwa meqjus bħala s-**sinsla tal-miżuri ta' mitigazzjoni** proposti u l-mod kif jiġu indirizzati dawk il-problemi li ġew identifikati bħala li għandhom **natura strutturali** u li ma jistgħux jiġu rrimedjati biss mir-rieżamijiet preċedenti tar-regoli tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT.

Dan ir-rapport jagħti prijorità wkoll lir-riskji u jiffoka fuq fatturi ġeografiċi meta possibbli u rilevanti[9], filwaqt li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport speċjali 13/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[10].

Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni wettqet eżerċizzju ta' konsultazzjoni wiesa' li kien jinvolvi kemm jista' jkun partijiet ikkonċernati rilevanti[11] u matul il-proċess indirizzat diversi setturi permezz ta' djalogu bilaterali u settorjali ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-livell tal-UE, esperti nazzjonali maħtura u akkademiċi. Il-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali (NRAs) magħmula mill-Istati Membri u l-pubblikazzjonijiet speċjalizzati l-aktar reċenti tal-AML/CFT, tqiesu kif xieraq. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lil aġenziji u awtoritajiet nazzjonali oħrajn tal-UE, bħall-Europol, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), u Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) permezz tal-Pjattaforma tal-UIF tal-UE[12]. Dawn il-konsultazzjonijiet saru bejn l-2020 u l-2022.

### 1.1. L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19

Il-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal sfidi globali mingħajr preċedent u għal tfixkil ekonomiku. Minn meta l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija internazzjonali f'Marzu 2020, il-gvernijiet madwar id-dinja implimentaw diversi miżuri b'reazzjoni għall-pandemija. Dawn jinkludu fondi ta' stimolu, assistenza soċjali u inizjattivi ta' ħelsien mit-taxxa, iżda wkoll forom differenti ta' miżuri ta' lockdown u ta' konfinament, bħal curfews, għeluq tal-iskejjel u tal-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u tal-ospitalità, għeluq tal-fruntieri u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Il-bidliet bla preċedent fl-imġiba tal-individwi, l-inċertezza u l-biża' prevalenti, u r-restrizzjonijiet governattivi wasslu għal bidliet fl-imġiba kriminali. Il-kriminali sfruttaw ukoll il-programmi ta' appoġġ pubbliku.

Iċ-ċirkostanzi l-ġodda saħħew ir-riskju tal-ħasil tal-flus f'ħafna setturi ekonomiċi u attivitajiet kummerċjali. Dawn ir-riskji jinkludu:

---

[9] Pereżempju, fil-valutazzjonijiet taż-Żoni Ħielsa u l-programmi taċ-Ċittadinanza b'investiment u l-iskemi ta' residenza b'investiment.

[10] Qorti tal-Awdituri, Rapport speċjali 13/2021 "L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti", 28.06.2021: https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=58815

Referenza dettaljata għal dan ir-Rapport speċjali tista' tinstab fil-kapitolu dwar il-metodoloġija, l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

[11] Il-partijiet ikkonċernati jidhru elenkati taħt il-punt 8 tat-taqsima tal-Biblijografija, fl-Anness 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

[12] In-network ta' Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja.

- miżappropjazzjoni u frodi fuq fondi mogħtija bħala miżuri finanzjarji għall-protezzjoni tal-ekonomiji nazzjonali mill-impatt tal-pandemija, jew fondi pubbliċi oħrajn mogħtija fil-kuntest tal-pandemija;
- l-akkwiżizzjoni tan-negozji li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji minn atturi b'intenzjoni ħażina u minn organizzazzjonijiet kriminali;
- żieda fl-opportunitajiet għall-gruppi kriminali biex jiksbu dħul mill-bejgħ ta' apparat mediku mhux awtorizzat u farmaċewtiċi u vaċċini illeċiti, inkluż lill-gvernijiet;
- ċiberkriminalità mwettqa billi jiġi sfruttat il-volum dejjem akbar ta' xiri online, inkluż permezz tal-użu ta' identitajiet frawdolenti; u
- l-korruzzjoni tal-impjegati taċ-ċivil meta jittieħdu miżuri urġenti, eż. l-ordni ta' provvisti mediċi speċifiċi, u s-simplifikazzjoni relatata tar-regoli dwar l-akkwist[13].

L-awtoritajiet pubbliċi fi ħdan is-sistema kontra l-ħasil tal-flus, eż. is-superviżuri, l-UIF u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kellhom jadattaw għal modalitajiet ġodda għat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, li ħolqu restrizzjoni fuq il-mobilità u l-interazzjoni personali. Dawn kienu jinkludu kontrolli fuq il-post, intervisti, u missjonijiet ta' infurzar tal-liġi limitati jew imwaqqfa f'pajjiżi oħrajn għall-valutazzjoni ta' operazzjonijiet transfruntiera. Dan seta' naqqas il-kapaċità li l-funzjonijiet jitwettqu b'mod effettiv f'xi żoni. Ġew introdotti għodod u prattiki investigattivi ġodda, eż. intervisti u eżamijiet online, li llimitaw l-impatt tal-miżuri governattivi fuq il-kapaċità superviżorja u investigattiva tal-awtoritajiet kompetenti.

Aktar minn sentejn mid-dikjarazzjoni tal-pandemija, dawn il-fenomeni xorta għadhom jistgħu jiġu osservati, għalkemm l-impatt tagħhom issa huwa aktar limitat minħabba għarfien akbar ta' dawn it-theddidiet kriminali, filwaqt li ċ-ċittadini fil-biċċa l-kbira komplew bl-imġiba tagħhom ta' qabel il-pandemija. Madankollu, il-kriminali se jaġġustaw il-*modi operandi* li jużaw. Sadanittant, l-istrutturi kriminali li joperaw fl-UE xorta jistgħu jibbenefikaw mill-bidliet introdotti mill-pandemija u jistgħu jtejbu l-kapaċità tagħhom.

### 1.2. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

Minn Marzu 2014, l-UE imponiet b'mod progressiv miżuri restrittivi (sanzjonijiet) kontra r-Russja, għall-bidu b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u għad-destabbilizzazzjoni deliberata tal-Ukrajna. Fit-23 ta' Frar 2022, l-UE espandiet is-sanzjonijiet b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u ta' Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni. Mill-24 ta' Frar 2022, b'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE espandiet bil-kbir is-sanzjonijiet[14]. Hija żiedet numru sinifikanti ta' persuni u entitajiet mal-lista ta' sanzjonijiet u adottat miżuri mingħajr preċedent bl-għan li ddgħajjef b'mod sinifikanti l-bażi ekonomika tar-Russja, biex b'hekk iċċaħħadha minn teknoloġiji u swieq kritiċi, u tnaqqas b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħha li tissielet gwerra.

[13] Kif deskritt minn:
- FATF Paper on COVID-19-related Money Laundering and Terrorist Financing – Risks and Policy Responses: http://www.fatf-gafi.org/publications/methodsandtrends/documents/covid-19-ml-tf.html https://www.fatf-gafi.org/media/fatf/documents/Update-COVID-19-Related-Money-Laundering-and-Terrorist-Financing-Risks.pdf
- EUROPOL, "Pandemic profiteering: how criminals exploit the COVID-19 crisis": https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/pandemic_profiteering-how_criminals_exploit_the_covid-19_crisis.pdf

[14] Test konsolidat: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0833-20220722

B'mod parallel, ir-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE li jikkonċerna l-Belarussja[15] ġie estiż b'reazzjoni għall-involviment ta' dak il-pajjiż fl-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u flimkien mas-sanzjonijiet li diġà huma stabbiliti. Dan ir-reġim ta' sanzjonijiet jikkonsisti f'firxa ta' miżuri finanzjarji, ekonomiċi u kummerċjali[16].

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-UE dwar l-iffriżar tal-assi kontra persuni u entitajiet li għandhom rabta mal-aggressjoni Russa, il-Kummissjoni stabbiliet it-Task Force "Iffriżar u Sekwestru". L-għan tat-Task Force huwa li tikkoordina l-azzjonijiet meħuda mill-korpi tal-Unjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali u li tindirizza kwalunkwe sfida fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE. It-Task Force diġà qiegħda tagħti riżultati sinifikanti: L-Istati Membri ffriżaw assi li jammontaw għal kważi EUR 10 biljun, li jammontaw għal EUR 32 biljun meta jinkludu l-fondi tal-Bank Ċentrali Russu. L-impatt ġenerali tas-sanzjonijiet diġà qiegħed jinħass fl-ekonomija Russa[17]. It-Task Force għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-iskambji bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rigward l-investigazzjonijiet u l-miżuri ta' konfiska meħuda fir-rigward ta' reati potenzjali marbuta mal-persuni soġġetti għal sanzjonijiet (inkluż dwar iċ-ċirkomvenzjoni ta' tali sanzjonijiet). It-Task Force qiegħda tesplora wkoll għażliet għall-użu ta' assi kkonfiskati għall-benefiċċju tal-poplu tal-Ukrajna.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022[18] dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment u l-iskemi ta' residenza b'investiment tħeġġeġ lill-Istati Membri jivvalutaw mill-ġdid in-naturalizzazzjonijiet u l-permessi ta' residenza mogħtija taħt skemi bħal dawn lir-Russja u lill-Belarussja, biex jiġi żgurat li dawn ma jkunux parti mil-lista ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mal-gwerra fl-Ukrajna. Il-Kummissjoni rrakkomandat ukoll is-sospensjoni tal-ħruġ ta' permessi ta' residenza taħt skemi ta' residenza b'investiment liċ-ċittadini Russi u Belarussi kollha.

Skont studju reċenti mwettaq permezz tal-użu tal-għodda DATACROS iffinanzjata mill-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet[19], hemm kważi 31 000 ditta fl-Ewropa (li fosthom jipprevalu dawk tal-proprjetà immobbli, tal-kostruzzjoni, tal-lukandi, u s-settur finanzjarju u tal-enerġija) mas-sidien benefiċjarji Russi[20]. 1 400 minnhom għandhom sjieda (sa 5 %) miżmuma minn 33 individwu soġġetti għal sanzjonijiet reċenti – l-hekk imsejħa oligarki. Xi oligarki jistgħu jaħbu s-sjieda jew il-kontroll tagħhom ta' ditti permezz ta' kumpaniji intermedji rreġistrati f'pajjiżi mhux tal-UE[21] jew azzjonisti lokali nominati.

---

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/398 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; *ĠU L 82, 9.3.2022, p. 1–8.*
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/399 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; *ĠU L 82, 9.3.2022, p. 9-13.*

[16] https://finance.ec.europa.eu/eu-and-world/sanctions-restrictive-measures/sanctions-adopted-following-russias-military-aggression-against-ukraine_en

[17] https://www.bloomberg.com/news/articles/2022-09-05/russia-risks-bigger-longer-sanctions-hit-internal-report-warns

[18] C(2022) 2028 final.

[19] Din l-analiżi hija parti minn TOM – The Ownership Monitor, inizjattiva konġunta minn Transcrime u l-ispin-off tagħha Crime&tech: https://www.transcrime.it/en/stories/tom-the-ownership-monitor/

[20] Il-kriterji tal-istudju ta' TOM jinkludu meta l-individwi maħtura "jikkontrollaw mill-inqas 5 % tal-kapital azzjonarju, direttament jew indirettament".

[21] Il-pajjiżi ewlenin mhux tal-UE li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji huma l-Gżejjer Verġni Brittaniċi u l-Gżejjer Cayman – iżda jirrappreżentaw biss madwar 2 % tar-rabtiet intermedji kollha: "Inside the matrioska: the firms controlled by sanctioned 'oligarchs' across European regions and sectors", Transcrime, Marzu 2022.

Fil-fatt, għadd ta' dawn id-ditti diġà ppreżentaw indikaturi ta' riskju għoli qabel ma nħarġu s-sanzjonijiet: inklużjoni fil-bażi tad-*data* Offshore Leaks[22], kumplessità korporattiva mhux ġustifikata, użu ta' arranġamenti legali mhux ċari jew rabtiet ma' ġuriżdizzjonijiet b'riskju għoli. Dan ifisser li dawn id-ditti setgħu (u għandhom) iqajmu suspett fost l-awtoritajiet kompetenti u superviżorji qabel l-avvenimenti ta' dan l-aħħar.

F'dan l-isfond, l-objettiv tal-qafas tal-UE tal-AML/CFT li jipproteġi l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-UE jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-libertà, tal-ġustizzja u tas-sigurtà fl-Ewropa kollha kemm hi. L-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri restrittivi tal-iffriżar tal-assi tal-UE[23] tirrikjedi wkoll l-infurzar effettiv tar-regoli dwar is-sjieda benefiċjarja (jiġifieri, it-trasparenza tar-reġistri tan-negozju u tad-dominju korporattiv); l-iżvilupp ulterjuri tal-interkonnessjonijiet bejn reġistri differenti (reġistri tas-sjieda benefiċjarja, reġistri tal-kumpaniji/tan-negozju, reġistri tal-artijiet); kooperazzjoni bejn l-aġenziji u skambju ta' informazzjoni aktar faċli, u d-detezzjoni u s-superviżjoni adegwati tal-assi moħbija mill-awtoritajiet tat-taxxa[24]. Jistgħu jinħolqu kumpaniji fittizji vojta b'faċilità relattiva, u għalhekk dawk ikomplu jintużaw biex jgħaddu mijiet ta' miljuni ta' euro minn tranżazzjonijiet opaki[25]. Bl-użu ta' kumpaniji fittizji, il-kriminali jistgħu jaħbu kemm l-oriġini u d-destinazzjoni tal-fond kif ukoll il-benefiċjarju reali tal-operazzjoni. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal sempliċi gwadann personali kif ukoll għad-destabbilizzazzjoni ta' pajjiżi sħaħ. Għalhekk, l-enfasi fuq il-flussi ta' flus minn sorsi illegali mhux biss tikkontribwixxi għad-difiża tad-demokrazija u s-sikurezza taċ-ċittadini tal-UE, iżda tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-influwenza tal-awtokraziji.

Id-diskussjonijiet fil-qafas tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" jissottolinjaw id-diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-assi kkontrollati minn oligarki bħala sidien benefiċjarji, spiss moħbija wara strutturi legali kumplessi f'ġuriżdizzjonijiet differenti. Din hija sfida ewlenija għall-infurzar tas-sanzjonijiet u għall-attivitajiet investigattivi tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat progress rapidu fin-negozjati tal-pakkett kontra l-Ħasil tal-Flus sabiex jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja għall-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, minħabba l-importanza tar-reġistri fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva ta' sanzjonijiet finanzjarji mmirati, huwa importanti li l-Istati Membri jantiċipaw kemm jista' jkun l-adozzjoni tal-miżuri proposti fihom biex jiżguraw li r-reġistri tas-sjieda benefiċjarja jkunu ppopolati biżżejjed.

[22] Din il-bażi tad-*data* fiha informazzjoni dwar aktar minn 810 000 entità offshore li huma parti mill-Pandora Papers, mill-Paradise Papers, mill-Bahamas Leaks, mill-Panama Papers u minn investigazzjonijiet ta' Offshore Leaks. Ir-rabtiet tad-*data* ma' persuni u kumpaniji f'aktar minn 200 pajjiż u territorju: https://offshoreleaks.icij.org/

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna; *ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6-15*.

[24] F'dan ir-rigward, għandha ssir referenza għall-Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE; COM/2021/565 final.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri stabbilew sottogrupp dwar l-infurzar tat-taxxa fit-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" biex iżidu l-isforzi tagħhom kontra l-individwi u l-kumpaniji Russi u Belarussi sanzjonati, kif ukoll il-kumpaniji assoċjati tagħhom: https://taxation-customs.ec.europa.eu/news/state-tax-authorities-step-tax-enforcement-efforts-support-freeze-and-seize-task-force-2022-06-08_en

[25] L-isforzi jinsabu fil-fażi li jiżdiedu kontra l-użu ta' kumpaniji fittizji li jistabbilixxu regoli fid-Direttiva tal-Kunsill proposta mill-Kummissjoni għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa (COM/2021/565 final).

## 2. EŻITI TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJI SUPRANAZZJONALI

F'din it-tielet edizzjoni tal-SNRA, il-Kummissjoni tanalizza r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu li jistgħu joħolqu 43 prodott u servizz, miġbura fi ħdan tmien kategoriji, għas-suq intern tal-UE. Dawn il-prodotti u s-servizzi huma dawk identifikati mill-AMLD[26] flimkien ma' diversi oħrajn rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju fid-dawl tar-riskju intrinsiku perċepit tagħhom[27].

Dawn it-43 prodott u attività diġà ġew ivvalutati fit-tieni edizzjoni tal-SNRA (2019)[28], li min-naħa tagħha kienet tikkostitwixxi verżjoni aġġornata u mtejba tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni (2017)[29]. Dawn huma miġbura kif ġej:

(1) Prodotti u servizzi relatati mal-flus (kurrieri tal-flus, negozju b'użu intensiv ta' flus kontanti, karti tal-flus ta' valur għoli, pagamenti fi flus kontanti u ATMs privati).
(2) Is-settur finanzjarju (depożitu fuq kontijiet, settur ta' investiment tal-imnut u istituzzjonali, servizzi bankarji korporattivi, servizzi bankarji privati, finanzjament kollettiv, skambju ta' muniti, flus elettroniċi, trasferimenti ta' fondi, trasferimenti illegali ta' fondi, servizzi ta' pagament, muniti virtwali u assi virtwali oħrajn, self ta' negozju, kreditu tal-konsumatur u self ta' valur baxx, krediti ta' ipoteka u krediti garantiti b'assi ta' valur għoli, assigurazzjoni (tal-ħajja u mhux tal-ħajja) u servizzi ta' kustodja sikura).
(3) Prodotti u servizzi mhux finanzjarji (arranġamenti legali, oġġetti ta' valur għoli, assi ta' valur għoli, kurrieri ta' metalli u ta' ġebel prezzjużi, proprjetà immobbli, servizzi pprovduti minn kontabilisti u servizzi legali).
(4) Is-settur tal-logħob tal-azzard.
(5) Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.
(6) Sport professjonali (il-futbol professjonali).
(7) Żoni ħielsa.
(8) Skemi taċ-ċittadinanza b'investiment u tar-residenza b'investiment.

Dawn ġew rieżaminati fid-dawl tal-qafas legali rivedut tal-Unjoni dwar l-AML/CFT u, meta rilevanti, l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja. Meta ċ-ċirkostanzi ma nbidlux, id-deskrizzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi analizzati fir-rapport tal-2019 ma ġewx immodifikati b'mod fundamentali.

Għalhekk, din il-valutazzjoni taġġorna l-informazzjoni fir-rapport tal-2019, u tirfina u tissimplifika diversi oqsma (bħall-muniti u l-assi virtwali u l-analiżi tas-settur finanzjarju u l-prodotti mhux finanzjarji), u tirrevedi ċ-ċifri u s-sorsi ta' informazzjoni.

[26] Istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu, servizzi ta' trasferiment ta' valur jew ta' flus, uffiċċji tal-kambju, negozjanti ta'oġġetti u ta'assi b'valur għoli, aġenti tal-proprjetà immobbli, fornituri ta' servizzi ta' trusts u ta' kumpaniji, awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa, nutara u professjonisti legali indipendenti oħrajn, kif ukoll fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-azzard.
[27] Dawn il-prodotti u s-servizzi l-oħrajn huma koperti ta' spiss mill-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju madwar id-dinja kollha. Dawn jinkludu l-kategorija ta' prodotti relatati mal-flus, kif ukoll muniti virtwali, finanzjament kollettiv u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Bħal fil-każ tal-SNRA preċedenti (2019), ġew ivvalutati wkoll ċerti mezzi informali, bħal dawk użati minn Hawala u minn fornituri oħrajn ta' servizzi ta' trasferiment ta' valur informali, il-futbol professjonali, il-portijiet ħielsa, u l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment.
[28] COM(2019) 370 final.
[29] COM(2017) 340 final.

## 2.1. Ir-riskji ewlenin fis-setturi koperti mill-valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali

### *2.1.1. Flus u assi simili għall-flus*

Għalkemm it-tranżazzjonijiet bl-imnut fi flus naqsu, id-domanda għall-karti tal-flus tal-euro tidher li żdiedet, f'xejra msemmija bħala l-"paradoss tal-karti tal-flus", li turi li l-flus għadhom popolari fil-valur anke wara l-pandemija tal-COVID-19[30]. Minkejja l-bidla fid-dehra tal-kriminalità, l-ekonomija kriminali għadha fil-biċċa l-kbira bbażata fuq il-flus kontanti, u dan jesponi lill-UE għal riskji sinifikanti ta' ML/TF minħabba l-anonimità u l-faċilità relattiva tal-moviment assoċjata ma' flus u assi simili għall-flus. Il-kriminali jfittxu li jċaqilqu r-rikavati fi flus lejn postijiet fejn l-użu jew it-tqegħid tagħhom fis-sistema finanzjarja jkun aktar faċli, tipikament f'postijiet fejn ikun hemm użu predominanti ta' flus jew superviżjoni dgħajfa tas-sistema finanzjarja. Il-flus jistgħu jiġu kkonvertiti ulterjorment f'assi anonimi bħal kards bi ħlas antiċipat, li bħalissa ma humiex soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri[31]. Ir-rapportar huwa baxx ħafna, possibbilment fid-dawl tad-diffikultà li jiġu identifikati t-tranżazzjonijiet bi flus. Il-ħolqien ta' magni tal-flus (ATMs) bi proprjetà privata jżid l-opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet kriminali biex ipoġġu l-proċedimenti tagħhom fis-sistema finanzjarja bil-moħbi.

Il-qafas legali attwali fl-UE xekkel ħafna l-opportunitajiet għall-introduzzjoni ta' somom kbar ta' flus iġġenerati b'mod illeċitu fis-sistema finanzjarja. Ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti[32], li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2021, iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kontrolli fuq flus kontanti fil-fruntiera tal-UE u jsaħħaħ is-setgħat tal-awtoritajiet.

Bħalissa, 19-il Stat Membru implimentaw jew jinsabu fil-proċess li jintroduċu limitazzjonijiet għall-pagamenti fi flus, iżda oqfsa diverġenti jfixklu l-kompetizzjoni u jistgħu jwasslu għar-rilokazzjoni tan-negozji lejn Stati Membri b'rekwiżiti inqas stretti. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu[33] rrefera għall-introduzzjoni ta' limiti massimi għal pagamenti kbar ta' flus bħala mezz potenzjali għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' ML/TF. Għal dan il-għan, il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu[34] tinkludi limitu fuq pagamenti kbar ta' flus.

---

[30] "The paradox of banknotes: understanding the demand for cash beyond transactional use", Bullettin Ekonomiku tal-BĊE, Ħarġa 2/2021. Barra minn hekk, "Cash still king in times of COVID-19", Diskors Ewlieni ta' Fabio Panetta, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, fil-ħames Konferenza Internazzjonali dwar il-Flus tad-Deutsche Bundesbank – "Cash in times of turmoil": https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2021/html/ecb.sp210615~05b32c4e55.en.html

[31] Fir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 *ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6–21*, "flus", hija definita li tinkludi erba' kategoriji: muniti, strumenti negozjabbli għall-portatur, komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur u kards bi ħlas antiċipat. Għalissa, il-kards bi ħlas antiċipat ma humiex koperti. Madankollu, jekk ikun hemm evidenza qawwija li l-kards bi ħlas antiċipat ikunu qegħdin jintużaw għat-trasferiment ta' valur bejn il-fruntieri tal-UE li jevitaw il-leġiżlazzjoni, jista' jiġi adottat att delegat biex jinkludi l-kards bi ħlas antiċipat.

[32] Ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005; *ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6-21.*

[33] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, C/2020/2800, *ĠU C 164, 13.5.2020, p. 21–33.*

[34] COM(2021) 420 final.

### *2.1.2. Settur finanzjarju*

Bħal fir-rapporti preċedenti, din l-SNRA tkopri f'din il-kategorija għadd ta' prodotti u setturi (17 b'kollox) li jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti kummerċjali u lill-klijenti konsumaturi. Dan il-kapitolu jinkludi firxa wiesgħa ta' industriji, inkluż is-settur bankarju, l-investiment, l-assigurazzjoni, il-finanzjament kollettiv, il-flus elettroniċi, it-trasferiment ta' fondi (legali jew b'mod ieħor), il-kriptoassi, u s-servizzi ta' pagament.

Il-biċċa l-kbira tat-theddidiet u tal-vulnerabbiltajiet identifikati diġà ġew enfasizzati fl-SNRAs preċedenti u għadhom rilevanti. Fi ħdan is-settur finanzjarju, in-nuqqas ta' regoli ċari u konsistenti, is-superviżjoni inkonsistenti tal-AML/CFT fis-suq intern, u l-koordinazzjoni u l-iskambju insuffiċjenti ta' informazzjoni bejn l-UIF, ikomplu jaffettwaw il-kapaċità tal-UE li tindirizza b'mod korrett ir-riskji ta' ML/TF[35]. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-AML/CFT fl-Istati Membri spiss jidhru li jsibuha diffiċli li jissorveljaw is-settur f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju[36].

F'konformità mal-Opinjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea ta' Marzu 2021[37], din l-SNRA tqis li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' pagament, l-uffiċċji tal-kambju, l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi u l-fornituri ta' kreditu (għajr l-istituzzjonijiet ta' kreditu) jidhru li huma l-aktar vulnerabbli għar-riskji li jirriżultaw minn dgħufijiet fis-sistemi u fil-kontrolli tal-AML/CFT[38].

Ir-riskji assoċjati mal-kriptoassi jitolbu li jiġi żgurat mhux biss livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u ta' integrità tas-suq, iżda wkoll għal miżuri kontra l-manipulazzjoni tas-suq u biex jiġu pprevenuti l-attivitajiet ta' ML/TF[39]. Iridu jiġu indirizzati wkoll ir-riskji marbuta mal-istabbiltà finanzjarja u mal-politika monetarja li jistgħu jirriżultaw minn użu wiesa' ta' kriptoassi u ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq it-Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit (DLT) fis-swieq finanzjarji[40].

Il-karatteristiċi u n-natura tal-fondi ta' investiment jagħmluhom vulnerabbli għall-ħasil tar-rikavat derivat mill-frodi, mir-reati tat-taxxa, mill-korruzzjoni u mit-tixħim[41]. Ir-riskju huwa xprunat ulterjorment mill-iskopertura tas-settur għal klijenti b'riskju għoli, kif ukoll mill-volum għoli, mill-kumplessità u min-natura transfruntiera tat-tranżazzjonijiet.

---

[35] Dawn il-problemi strutturali huma indirizzati mill-proposta tal-Kummissjoni tal-AML/CFT tal-2021: https://ec.europa.eu/info/publications/210720-anti-money-laundering-countering-financing-terrorism_en

[36] Dan huwa konformi mas-sejbiet tal-EBA fl-ewwel rapport tagħha dwar l-approċċi tal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-AML/CFT tal-banek, li ġie ppubblikat fl-2020. Hemm riskju li, fin-nuqqas ta' valutazzjonijiet tar-riskju adegwati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jonqsu milli jidentifikaw ir-riskji ta' ML/TF li huwa espost għalihom is-settur tagħhom, u li jaġixxu fuqhom.

[37] Opinion on risks of money laundering and terrorist financing (ML/TF) affecting the European Union's financial sector; Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), 3.3.2021, EBA/Op/2021/04: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Publications/Opinions/2021/963685/Opinion%20on%20MLTF%20risks.pdf
Din hija t-tielet Opinjoni dwar ir-riskji ta' ML/TF li jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-Unjoni Ewropea. L-EBA ħarġitha bħala parti mill-mandat il-ġdid tagħha biex tmexxi, tikkoordina u timmonitorja l-ġlieda kontra l-ML/TF fis-sistema finanzjarja fil-livell tal-UE. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) kienu involuti mill-qrib fil-proċess.

[38] Fid-dawl tal-evoluzzjoni tar-riskji transsettorjali. Dawn jinkludu riskji assoċjati ma' muniti virtwali, teknoloġiji ġodda (FinTech u RegTech), finanzjament tat-terroriżmu, riskji li jirriżultaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u t-tneħħija tar-riskji. Kif spjegat fid-dettall fil-Kapitolu 3.1. tar-rapport tal-EBA.

[39] Ir-riskji indirizzati mill-Proposta tal-Kummissjoni għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM/2020/593 final.

[40] Dawk il-proposti tal-Kummissjoni li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet huma spjegati fit-taqsimiet rilevanti tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjahom.

[41] Għal spjegazzjoni dettaljata, ikkonsulta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal it-taqsimiet li jivvalutaw "Is-settur tal-investiment fil-livell tal-konsumatur u dak istituzzjonali" u "Persuni nominati".

F'industrija li għandha valur sinifikanti taħt l-immaniġġar, it-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja għadha subottimali.

### 2.1.3. *Is-settur u l-prodotti mhux finanzjarji*

F'dan il-kapitolu, l-SNRA tivvaluta l-istrutturi legali skont approċċ ġdid, filwaqt li tmur lil hinn minn rapporti preċedenti. Issa tiffoka fuq il-vulnerabbiltajiet ewlenin marbuta mal-ħabi ta' sjieda benefiċjarja (trusts, persuni nominati u kumpaniji) u mhux fuq mumenti speċifiċi tal-eżistenza ta' entitajiet legali u arranġamenti legali (ħolqien, attività kummerċjali, u terminazzjoni). Hija tqis ukoll is-suq tal-oġġetti ta' valur għoli, l-investiment fil-proprjetà immobbli u s-servizzi pprovduti minn kontabilisti, awdituri, konsulenti, u konsulenti tat-taxxa kif ukoll servizzi legali minn nutara u minn professjonisti legali indipendenti oħrajn.

#### 2.1.3.1. Is-settur u l-prodotti mhux finanzjarji - Entitajiet legali u arranġamenti

Il-kriminali jistgħu jfasslu strutturi kumplessi li jinvolvu kumpaniji u entitajiet legali biex jaħbu r-rendikont tal-entrati finanzjarji, spiss bl-użu ta' kumpaniji fittizji u tal-isem. L-użu ta' tali strutturi legali jaħbi l-moviment ta' rikavati illeċiti bħala tranżazzjonijiet kummerċjali leġittimi. It-trusts u arranġamenti simili jipprovdu opaċità u jaħbu l-eżistenza ta' assi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi. Nuqqas ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet f'ġuriżdizzjonijiet differenti joħloq żoni ta' dgħufijiet li jistgħu jiġu sfruttati faċilment minn kriminali li jfittxu ġuriżdizzjonijiet fejn il-kontrolli tal-AML huma inqas effettivi.

B'mod komplementari għal tali strutturi, is-servizzi pprovduti minn diretturi u azzjonisti nominati jistgħu jiġu sfruttati biex jaħbu s-sjieda benefiċjarja. Pereżempju, il-kriminali u l-persuni li ma jitħallewx jieħdu ċerti pożizzjonijiet fin-negozju jfittxu s-servizzi ta' persuni nominati formali biex jaħbu l-identitajiet tagħhom, jevitaw il-projbizzjonijiet, u jibqgħu moħbija mid-dokumenti u mir-reġistri tal-kumpaniji.

#### 2.1.3.2. Is-settur u l-prodotti mhux finanzjarji – Oġġetti ta' valur għoli

Oġġetti ta' valur għoli, inkluż l-arti, l-antikitajiet, u metalli u ġebel prezzjużi, huma komoditajiet li jippermettu t-trasferiment tal-valur. Għall-kriminali, dan ifisser li r-rikavati illeċiti jistgħu jiġu kkonvertiti f'assi ta' valur għoli li jistgħu jiġu mċaqalqa bejn il-fruntieri u jiġu maħżuna b'faċilità relattiva u bi ftit skrutinju regolatorju. Il-valur tal-assi bħall-arti u l-antikitajiet ta' spiss ikun suġġettiv u ta' sfida biex wieħed jivverifikah jew iqabblu. Għalhekk, biċċiet ta' arti li ma jiswewx ħafna jistgħu jinbiegħu lill-kompliċi bi prezz għoli ħafna, u dan jipproduċi fattura li tilleġittimizza t-trasferiment tal-fondi.

Ġew irrapportati ħafna r-rabtiet bejn il-kummerċ tal-antikitajiet u d-droga, it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u tal-armi, il-ħasil tal-flus u r-reati fiskali u l-finanzjament tal-armi tal-gwerra u tal-organizzazzjonijiet terroristiċi, li jpoġġu t-traffikar tal-antikitajiet fil-livell ta' kriminalità organizzata tranżnazzjonali serja[42]. Kif imħabbar fl-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025[43], fl-aħħar tal-2022, il-Kummissjoni se tadotta l-pjan ta' azzjoni tagħha dwar it-traffikar ta' oġġetti kulturali, u

[42] Irreferi, għal kulħadd, għal INTERPOL, għal RHIPTO, u għall-Inizjattiva Globali kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali: *World Atlas of illicit flows*, 2018: https://www.interpol.int/ar/content/download/14080/file/World%20Atlas%20of%20Illicit%20Flows-1.pdf
[43] COM/2021/170 final.

b'hekk tistabbilixxi approċċ ta' politika komprensiv biex tiġi mxekkla din il-forma ta' kriminalità u biex l-oġġetti kulturali jiġu protetti mill-ħsara ta' attivitajiet kriminali.

#### 2.1.3.3. Is-settur u l-prodotti mhux finanzjarji – Fornituri tas-servizzi

Il-kumpaniji fornituri tas-servizzi[44] jibqgħu f'riskju ta' infiltrazzjoni jew ta' sjieda minn gruppi tal-kriminalità organizzata biex jaħslu rikavati illeċiti. L-awturi jistgħu jieħdu vantaġġ mis-servizzi konsultattivi u mill-għarfien speċjalizzat tagħhom dwar il-ħolqien u l-immaniġġar tal-istrutturi, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipprovdu dokumentazzjoni u assigurazzjonijiet fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali. Ir-rispettabbiltà assoċjata ma' ċerti professjonijiet jagħmilhom miri attraenti għal dawk li jaħslu l-flus, u anke l-użu tagħhom tal-kontijiet tal-klijenti. Il-professjonisti jistgħu jkunu involuti bla ma jridu, iżda jistgħu jkunu wkoll kompliċi ma' kriminali jew intenzjonalment negliġenti fil-konformità mal-obbligi tagħhom tal-AML/CFT.

L-iskopertura għar-riskju hija xprunata mill-involviment ta' tali professjonisti fl-immaniġġar ta' sitwazzjonijiet legali kumplessi u ta' kumpaniji u arranġamenti legali, inklużi kumpaniji fittizji u kumpaniji offshore.

Id-disparitajiet fl-applikazzjoni ta' superviżjoni bbażata fuq ir-riskju ta' xi setturi madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari meta jsiru minn korpi awtoregolatorji, għandhom impatt fuq il-prevenzjoni effettiva u l-kapaċità li jiġi identifikat l-użu ħażin. In-numru baxx ta' rapporti suspettużi ta' tranżazzjonijiet jew ta' attività (STRs jew SARs) mill-biċċa l-kbira tan-Negozji u Professjonijiet mhux Finanzjarji Maħtura (DNFBPs)[45] madwar l-Istati Membri jindika li s-suspetti ma humiex qegħdin jiġu identifikati u rrapportati b'mod effettiv.

Is-settur tal-proprjetà immobbli huwa wkoll espost b'mod sinifikanti għar-riskji tal-ħasil tal-flus u huwa partikolarment vulnerabbli għal finijiet ta' reati fiskali. Studju tal-Kummissjoni stima li EUR 1,4 triljun jinżammu fi proprjetà immobbli offshore mir-residenti tal-UE[46]. Il-metodi kumplessi ta' finanzjament, l-intermedjazzjoni u l-użu ta' vetturi korporattivi jippreżentaw sfidi għall-identifikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja. L-istudji mill-FATF u mill-Egmont Group jipprovdu eżempji tal-kumplessità tal-iskemi stabbiliti biex jinħbew is-sors tal-fondi[47].

Kif jindikaw il-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali, il-fornituri tas-servizzi jibbenefikaw l-aktar minn attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u superviżjoni mtejba.

### *2.1.4. Karatteristiċi komuni għas-setturi finanzjarji u mhux finanzjarji (entitajiet u arranġamenti legali)*

Id-dgħufija tas-sjieda benefiċjarja tibqa' theddida konsiderevoli għas-sistema finanzjarja. L-anonimità tibqa' vulnerabbiltà kritika fis-sistema finanzjarja internazzjonali, bil-banek, bir-regolaturi u bl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma jkunux jistgħu jaċċertaw malajr min

[44] Kumpaniji professjonali li joffru servizzi ta' kontabilisti, awdituri, konsulenti, u konsulenti tat-taxxa kif ukoll nutara u professjonisti legali indipendenti oħrajn – kif deskritt fil-valutazzjonijiet rilevanti fl-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.
[45] DNFBP tfisser "Negozji u Professjonijiet mhux Finanzjarji Maħtura" (DNFBP). Ċerti tipi ta' negozji "mhux finanzjarji", li ġew identifikati bħala suxxettibbli għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu minħabba n-natura tan-negozju tagħhom u t-tranżazzjonijiet bl-attività li jistgħu jwettqu.
[46] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, *Monitoring the amount of wealth hidden by individuals in international financial centres and impact of recent internationally agreed standards on tax transparency on the fight against tax evasion: final report*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021: https://data.europa.eu/doi/10.2778/291262
[47] Pereżempju, FAFT u Egmont Group, *Concealment of Beneficial Ownership*, p. 26, Lulju 2018.

huma s-sidien veri tal-kumpaniji. L-impriżi ta' investiment kollettiv huma f'riskju simili, peress li l-identità tal-investituri finali normalment ma tkunx trasparenti, u l-użu ta' kontijiet omnibus[48] ikompli jikkomplika l-iskambju ta' informazzjoni fost l-intermedjarji.

Fis-settur mhux finanzjarju, l-entitajiet u l-arranġamenti legali huma vvalutati mill-kriminali għall-kapaċità tagħhom li jtejbu l-anonimità u li jaħbu l-identità tas-sidien benefiċjarji, kif ukoll bħala mezz biex iwettqu l-attivitajiet illeċiti tagħhom, pereżempju billi jiffaċilitaw il-loġistika jew it-trasport ta' oġġetti illeċiti.

Għalhekk, it-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja titqies bħala element kruċjali fiż-żewġ oqsma. Is-soluzzjoni biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-anonimità tinsab f'dawk l-inizjattivi adottati f'dawn l-aħħar snin fil-livell globali u b'mod partikolari fl-UE, li tinsab minn ta' quddiem f'dan ir-rigward, biex tingħata spinta lit-trasparenza tad-ditti u jiġi pprevenut l-użu ħażin tagħhom mill-kriminali. L-istabbiliment ta' reġistri tas-sjieda benefiċjarja[49] u ż-żieda fit-trasparenza tal-kumpaniji[50] huma biss ftit eżempji tal-isforzi kontinwi fil-qlieda kontra l-użu ta' kumpaniji fittizji. Minbarra l-għarfien ta' ***min*** fil-fatt jikkontrolla ditta, l-iżvelar ta' ***kif*** id-ditti huma kkontrollati jipproduċi riżultati investigattivi u jorjenta l-valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li tissaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija tar-riskji, u jiġi permess il-fehim ta' xejriet moħbija li ma jkunux viżibbli b'approċċ tradizzjonali.

### *2.1.5. Is-settur tal-logħob tal-azzard*

Is-settur tal-logħob tal-azzard huwa kkaratterizzat minn tkabbir ekonomiku u minn żvilupp teknoloġiku rapidu, bi tkabbir qawwi tas-settur online matul u wara l-pandemija tal-COVID-19. F'dan ir-rigward, għadd ta' awtoritajiet kompetenti rrapportaw li r-riskji li jirriżultaw mil-logħob tal-azzard online komplew jiżdiedu mill-pubblikazzjoni tal-aħħar SNRA fl-2019.

Għall-ewwel darba din il-valutazzjoni tqis it-tokens skambjabbli użati fil-logħob tal-kompjuter bħala li huma assimilati mal-kriptoassi[51]. Għalhekk, il-valutazzjoni tat-theddid tagħhom għandha ssegwi l-istess reġim.

Il-każinòs, min-naħa tagħhom, jippreżentaw skopertura b'riskju għoli inerenti, iżda l-inklużjoni tagħhom fil-qafas tal-AML/CFT mill-2005 kellha effett ta' mitigazzjoni. Il-lotteriji u l-magni tal-logħob (barra l-każinòs) jippreżentaw livell moderat ta' riskju ta' ML/TF. Għal tal-ewwel, hemm stabbiliti ċerti kontrolli, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati r-riskji assoċjati ma' rebħ kbir. It-tombla mhux virtwali hija meqjusa li tippreżenta livell baxx ta' riskju ta' ML/TF minħabba r-rata relattivament baxxa f'termini ta' mħatri u ta' rebħ.

[48] Kont omnibus jippermetti negozjar immaniġġjat ta' aktar minn persuna waħda, u jippermetti l-anonimità tal-persuni fil-kont.
[49] Bi traspożizzjoni tal-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) Nru 2015/849.
[50] Id-Direttiva (UE) 2019/1151 fir-rigward tal-użu tal-għodod diġitali u l-proċessi fid-dritt soċjetarju. Il-Kummissjoni qiegħda tħejji wkoll inizjattiva ġdida fil-kuntest tal-liġi tal-kumpaniji mmirata, fost affarijiet oħra, biex tinkludi kontrolli *ex ante* fuq il-kumpaniji fl-Istati Membri kollha.
[51] Dawk li jaħslu l-flus jistgħu jużaw il-bejgħ diġitali ta' dawn it-tokens bl-istess mod li jużaw il-bejgħ fiżiku. Il-flus illegali jistgħu jintużaw biex jixtruhom u mbagħad ibigħuhom, u b'hekk jitnaddfu l-flus maħmuġin. Pereżempju: https://archive-yaleglobal.yale.edu/content/money-laundering-video-games-financial-times

### 2.1.6. *Ġbir u trasferimenti ta' fondi minn Organizzazzjonijiet mingħajr Skop ta' Qligħ (NPOs)*

Dan ir-rapport ikopri l-kategoriji tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ indikati fir-Rakkomandazzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja[52]. Dan ix-xenarju ta' riskju huwa relatat mal-ġbir u t-trasferiment ta' fondi mill-NPOs fis-suq intern, kif ukoll mal-ġbir ta' fondi għat-trasferiment lejn u minn pajjiżi terzi.

L-eteroġeneità tas-settur tal-NPO u tas-sottosetturi tippreżenta sfida għall-valutazzjoni tar-riskji. In-natura u l-livell kemm tar-riskji tal-ħasil tal-flus kif ukoll tal-finanzjament tat-terroriżmu jistgħu jvarjaw skont is-sorsi ta' finanzjament, il-metodi u l-mezzi ta' żborż, u l-benefiċjarji tal-fondi. L-NPOs li jipprovdu għajnuna umanitarja għandhom it-tendenza li joperaw f'żoni ta' kunflitt jew ta' kriżi, fejn fi żminijiet partikolari jistgħu jkunu preżenti gruppi armati jew individwi ddeżinjati bħala terroristi. It-tneħħija tar-riskji mill-istituzzjonijiet finanzjarji tqiegħed lill-NPOs f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, u d-diffikultà li jiġu aċċessati kanali bankarji formali tkompli żżid ir-riskju[53].

L-NPOs saru aktar konxji tar-riskji li jiffaċċjaw, b'żieda fl-investiment fil-funzjonijiet tal-konformità u tal-awditjar li qiegħda tiġi nnotata fost NPOs stabbiliti sew. Hemm lok għal aktar kollaborazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Istati Membri għas-settur finanzjarju biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-NPOs għal kanali regolati.

Kważi l-Istati Membri kollha għandhom stabbiliti xi forma ta' superviżjoni, kemm jekk permezz ta' korpi regolatorji tal-NPOs, awtoritajiet tat-taxxa, kif ukoll permezz ta' tipi oħrajn ta' awtoritajiet superviżorji. Il-proċeduri ta' diliġenza dovuta għar-reġistrazzjoni u għall-aċċess għas-servizzi finanzjarji saru aktar stretti, u li potenzjalment jagħmlu l-NPOs inqas attraenti għal finijiet ta' finanzjament tat-terroriżmu.

### 2.1.7. *Sport professjonali*

Bħal ħafna negozji oħrajn, l-isport intuża mill-kriminali biex jaħslu l-flus u biex jaqilgħu introjtu illegali. Il-futbol, peress li huwa l-aktar sport popolari fid-dinja, huwa kandidat ovvju. Bħal fid-dinja tal-arti, il-kriminali fid-dinja tal-isport mhux dejjem ikunu mmotivati minn gwadann ekonomiku. Il-prestiġju soċjali, l-assoċjazzjoni maċ-ċelebritajiet, u l-prospett li jkollhom involviment ma' persuni tal-awtorità jistgħu jattiraw ukoll investiment kriminali.

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha effett devastanti fuq il-finanzi tal-klabbs, u dan irriżulta f'diversi xejriet li qegħdin jikbru li jistgħu jqiegħdu lis-settur f'riskju akbar. Minħabba riżorsi u taħriġ insuffiċjenti, dan is-settur għadu vulnerabbli għall-ħasil tal-flus

---

[52] "Persuna ġuridika jew arranġament jew organizzazzjoni li primarjament tinvolvi ruħha fil-ġbir jew fl-iżburżar ta' fondi għal skopijiet ta' karità, reliġjużi, kulturali, edukattivi, soċjali jew fraterni, jew għat-twettiq ta' tipi oħrajn ta' "xogħlijiet tajbin": http://www.fatf-gafi.org/media/fatf/documents/reports/BPP-combating-abuse-non-profitorganisations.pdf

[53] Meta istituzzjoni finanzjarja tieħu deċiżjoni li tirrifjuta li tidħol fi, jew li ttemm, relazzjonijiet ta' negozju ma' klijenti individwali jew ma' kategoriji ta' klijenti assoċjati ma' riskju ogħla ta' ML/TF , jew li tirrifjuta li twettaq tranżazzjonijiet ta' riskju ogħla ta' ML/TF, dan jissejjaħ "tneħħija tar-riskji". Skont l-Opinjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar it-"tneħħija tar-riskji", EBA/Op/2022/01), it-tneħħija tar-riskji tista' tkun għodda leġittima għall-ġestjoni tar-riskju, iżda tista' tkun ukoll sinjal ta' ġestjoni tar-riskju ta' ML/TF ineffettiva, bil-possibbiltà ta' konsegwenzi serji. L-EBA tqis li l-gwida regolatorja tagħha dwar kif għandhom jiġu mmaniġġati r-riskji ta' ML/TF, jekk tiġi applikata b'mod korrett, għandha tgħin biex jiġi evitat it-tneħħija tar-riskji bla bżonn: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Publications/Opinions/2022/Opinion%20on%20de-risking%20%28EBA-Op-2022-01%29/1025705/EBA%20Opinion%20and%20annexed%20report%20on%20de-risking.pdf

u, sa ċertu punt, għall-finanzjament tat-terroriżmu. Il-qafas legali proprju tas-settur żied il-kontrolli li jiġu applikati, madankollu dak il-qafas waħdu ma huwiex adegwat. It-trasparenza fil-livelli kollha, mit-trasferimenti tal-plejers għas-sjieda tal-klabbs, hija essenzjali għat-tnaqqis tal-livell ta' riskju ta' dan is-settur.

### 2.1.8. *Żoni ta' kummerċ ħieles*

Iż-żoni ta' kummerċ ħieles għadhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskji għoljin ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu peress li joffru għadd ta' vantaġġi minn perspettiva doganali u dik tat-tassazzjoni. Dan jista' jagħmilhom aktar probabbli li jiffaċilitaw reati predikati jew abbuż. Għalkemm ir-riskji vvalutati huma applikabbli għaż-żoni ħielsa kollha u, sa ċertu punt, għall-imħażen doganali, dawn huma aggravati fil-każ ta' oġġetti ta' valur għoli li jinżammu f'portijiet ħielsa. Filwaqt li jindika t-tkabbir rapidu fil-livell għoli tas-suq tal-arti u l-espansjoni fiżika tal-ispazji għall-ħżin ta' lussu, dokument ta' riċerka jissuġġerixxi li l-portijiet ħielsa lussużi qegħdin jistabbilixxu ruħhom bħala atturi ġodda fis-sistema globali tal-evitar tat-taxxa u tal-kriminalità[54].

Barra minn hekk, iż-żoni ta' kummerċ ħieles għadhom jippreżentaw theddida ta' falsifikazzjoni, peress li jippermettu lill-falsifikaturi jħottu l-kunsinni l-art, li jadattaw jew b'xi mod ieħor ibagħbsu t-tagħbijiet jew il-karti assoċjati u mbagħad jesportaw mill-ġdid il-prodotti mingħajr intervent doganali, u b'hekk jaħbu l-oriġini u n-natura reali tal-merkanzija, u l-identità tal-fornitur oriġinali.

Hemm lok għal titjib fir-regolamentazzjoni taż-żoni ħielsa tal-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, adottata f'Lulju 2021, tiċċara l-ambitu tal-entitajiet koperti[55]. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda twettaq evalwazzjoni taż-żoni ħielsa tal-UE. Fost analiżijiet oħrajn, din l-evalwazzjoni tivvaluta l-benefiċċji u l-kostijiet taż-żoni ħielsa, inkluż ir-riskju ta' użu ħażin possibbli, kemm fiż-żona doganali kif ukoll f'dik tat-tassazzjoni.

### 2.1.9. *Skemi taċ-ċittadinanza b'investiment u tar-residenza b'investiment*

L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment u tar-residenza b'investiment għandhom l-għan li jattiraw l-investiment f'pajjiż billi jagħtu drittijiet ta' ċittadinanza jew ta' residenza bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel fil-pajjiż ikkonċernat. Skemi bħal dawn huma attraenti peress li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar u t-twettiq tan-negozju, iżda jistgħu jkunu soġġetti għal użu ħażin għall-finijiet tal-ħasil tal-flus, tar-reati fiskali u tal-korruzzjoni u jistgħu wkoll iżidu r-riskji għas-sigurtà. It-tieni ċittadinanza tista' tiffaċilita l-moviment ta' rikavat miksub b'mod illeċitu u l-ħabi ta' assi mill-awtoritajiet kompetenti. Jista' jkun hemm ukoll tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza u governanza tal-iskemi.

F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni ħadet passi[56] fir-rigward tat-tliet Stati Membri li kienu joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investiment f'dak iż-żmien, abbażi ta' tħassib li dawk l-Istati Membri naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom tad-dritt tal-UE fir-rigward tal-

---

[54] https://www.taxobservatory.eu/repository/the-new-luxury-freeports-offshore-storage-tax-avoidance-and-invisible-art/

[55] Il-proposta għandha l-għan li twessa' l-ambitu tal-entitajiet marbutin b'obbligu li jinnegozjaw u jaħżnu l-arti fl-imħażen doganali.

[56] Fl-20 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni Ewropea nediet proċeduri ta' ksur kontra Ċipru u Malta billi ħarġet ittri ta' avviż formali dwar l-iskemi tagħhom taċ-ċittadinanza b'investiment. Il-Kummissjoni kitbet ukoll lill-Bulgarija dwar l-iskema tagħha taċ-ċittadinanza b'investiment f'Ottubru 2020.

prinċipju ta' kooperazzjoni leali[57] u l-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni[58]. In-natura taċ-ċittadinanza tal-UE, u d-drittijiet marbuta magħha, jimplikaw li tali skemi ma humiex limitati għall-Istat Membru li jinnaturalizza investitur, iżda jaffettwaw lill-Istati Membri kollha u lill-UE kollha kemm hi. Il-Kummissjoni ddikjarat b'mod espliċitu li l-għoti tan-nazzjonalità, u b'hekk taċ-ċittadinanza tal-UE, bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel, u mingħajr ebda rabta ġenwina bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-investitur, idgħajjef l-integrità taċ-ċittadinanza tal-UE kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali[59].

Stat Membru wieħed biss ikompli jopera skema ta' ċittadinanza b'investiment[60]. Il-Kummissjoni segwiet il-proċedura ta' ksur tagħha kontra dan l-Istat Membru f'April 2022[61].

Madankollu, l-iskemi ta' residenza b'investiment huma offruti minn 19-il Stat Membru.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu tiddikjara li l-operaturi li huma involuti f'isem ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-kuntest ta' skemi ta' residenza b'investiment se jiġu koperti bħala entitajiet marbutin b'obbligu. L-atturi involuti fl-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment ma humiex inklużi fil-proposta minħabba t-tħassib tal-Kummissjoni dwar l-inkompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-UE[62].

Ir-riskji ta' skemi bħal dawn ġew enfasizzati reċentement fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, peress li ċittadini soġġetti għal sanzjonijiet jew li jappoġġaw b'mod sinifikanti l-gwerra kontra l-Ukrajna setgħu kisbu permessi ta' ċittadinanza jew ta' residenza tal-UE fl-Istati Membri. Peress li l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment qegħdin jiksru d-dritt tal-UE, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex iħassru minnufih l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment. Hija talbet ukoll lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-iskemi ta' residenza b'investiment ikunu soġġetti għal kontrolli stretti[63].

Barra minn hekk, bħala parti mill-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati r-riskji tal-iskemi ta' residenza b'investiment, fis-27 ta' April 2022 il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul. Il-proposta tinkludi, fost affarijiet oħra, regoli li jipprevjenu li l-investituri ta' pajjiżi terzi jakkwistaw b'mod abbużiv l-istatus ta' residenti fit-tul tal-UE. Għal dan il-għan, din tinkludi dispożizzjoni biex jissaħħu l-kontrolli fuq ir-rekwiżit ta' residenza, b'attenzjoni partikolari għall-applikazzjonijiet għall-istatus ta' resident fit-tul tal-UE sottomessi minn

---

[57] L-Artikolu 4(3) tat-TFUE.

[58] L-Artikolu 20 tat-TFUE.

[59] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea", 23.1.2019, COM(2019) 12 final: https://ec.europa.eu/info/files/report-commission-european-parliament-council-european-economic-and-social-committee-and-committee-regions-investor-citizenship-and-residence-schemes-european-union_mt

[60] Malta. Madankollu, f'Marzu 2022, Malta ssospendiet temporanjament, sakemm joħroġ avviż ieħor, l-iskema tagħha għaċ-ċittadini Russi u Belarussi. Il-Bulgarija neħħiet il-programm ta' ċittadinanza b'investiment tagħha f'Marzu 2022, li sar effettiv f'April 2022. Ċipru ssospendiet l-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment tagħha fl-2020 u lestiet l-applikazzjonijiet pendenti kollha fl-2021.

[61] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_22_2068

[62] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, 20.7.2021, COM(2021) 420 final.

[63] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022 dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment; C(2022) 2028 final.

persuni li għandhom u/jew li kellhom permess ta' residenza mogħti abbażi ta' kwalunkwe tip ta' investiment fi Stat Membru.

## 3. MIŻURI TA' MITIGAZZJONI

### 3.1. Miżuri ta' mitigazzjoni skont il-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus

Il-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, li l-iskadenza tat-traspożizzjoni tagħha għaddiet f'Jannar 2020[64], ipprovdiet lill-UE b'għodod li jippermettulha tipprevjeni b'mod aktar effettiv li s-sistema finanzjarja tagħha tintuża għal ML/TF, b'mod partikolari permezz ta':

- titjib fit-trasparenza permezz ta' reġistri pubbliċi dwar is-sjieda benefiċjarja għall-kumpaniji, u reġistri disponibbli pubblikament għal trusts u arranġamenti legali oħrajn;
- limitazzjoni fl-anonimità offruta mill-muniti virtwali, il-fornituri tal-kartieri u l-kards bi ħlas antiċipat;
- twessigħ tal-kriterji għall-valutazzjoni ta' pajjiżi b'riskju għoli u t-titjib tas-salvagwardji għal tranżazzjonijiet finanzjarji minn u lejn pajjiżi bħal dawn;
- rekwiżit li l-Istati Membri jistabbilixxu reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji jew sistemi ta' rkupru;
- titjib fil-kooperazzjoni u fl-iskambju ta' informazzjoni tas-superviżuri ma' xulxin, ma' superviżuri prudenzjali u mal-Bank Ċentrali Ewropew, kontra l-ħasil tal-flus.

Dawn il-miżuri huma mistennija jkomplu jikkontribwixxu fit-tnaqqis tal-livelli ta' riskju fis-setturi u l-prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni qiegħda tirrieżamina l-konformità mad-dispożizzjonijiet il-ġodda u se tippubblika rapport ta' implimentazzjoni fl-2022.

### 3.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tal-UE li jinsabu stabbiliti jew ippjanati li jseħħu

#### *3.2.1. Miżuri leġiżlattivi*

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri leġiżlattivi msemmija fiż-żewġ SNRAs preċedenti diġà ġew adottati, b'mod partikolari:

- il-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus,
- ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti l-ġdid[65],
- id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus permezz tad-Dritt Kriminali[66],
- ir-Regolament dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali[67],
- id-Direttiva dwar l-aċċess għal informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra[68],

---

[64] Fil-mument tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri kollha rrapportaw traspożizzjoni sħiħa.

[65] Ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005, *ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6–21.*

[66] Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, *ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22–30.*

[67] Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali; *ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1-14.*

[68] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, *ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122–137.*

- ir-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej[69],
- l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2177[70], li temenda d-Direttiva Solvibbiltà II, id-Direttiva MiFID II u r-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, u
- l-adozzjoni tal-Ħames Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital[71], li tneħħi l-ostakli għall-kooperazzjoni ta' bejn is-superviżuri prudenzjali u dawk fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu.

### 3.2.2. *Il-proposti leġiżlattiva*

Kif imsemmi fit-Taqsima 1 ("Introduzzjoni") hawn fuq, fl-20 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett li jikkonsisti f'erba' proposti leġiżlattivi biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar l-AML/CFT:

- Regolament li jistabbilixxi Awtorità AML/CFT ġdida tal-UE ("ir-Regolament AMLA")[72];
- Regolament dwar l-AML/CFT, li fih regoli direttament applikabbli, inkluż fl-oqsma tad-Diliġenza Dovuta tal-Klijenti u s-Sjieda Benefiċjarja ("ir-Regolament AML/CFT")[73];
- Is-sitt Direttiva dwar l-AML/CFT ("AMLD6"), li tissostitwixxi d-Direttiva 2015/849/UE eżistenti (ir-raba' AMLD kif emendata mill-ħames AMLD), li fiha dispożizzjonijiet li se jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali, bħal regoli dwar is-superviżuri nazzjonali u l-UIF fl-Istati Membri[74]; u
- Reviżjoni tar-Regolament tal-2015 dwar it-Trasferimenti ta' Fondi għat-traċċar tat-trasferimenti ta' kriptoassi (ir-Regolament 2015/847/UE) ("ir-Regolament dwar it-Trasferimenti ta' Fondi")[75].

Ir-Regolament dwar l-AML/CFT propost jikkostitwixxi l-element ċentrali ta' dak li huwa komunement magħruf bħala "ġabra unika tar-regoli" tal-UE dwar l-AML/CFT. Dan jissostitwixxi r-regoli minimi tad-Direttivi tal-UE dwar l-AML li bħalissa huma fis-seħħ b'dispożizzjonijiet dettaljati u direttament applikabbli. Il-kwistjonijiet ewlenin indirizzati mill-proposta jinkludu: l-obbligi imposti fuq l-entitajiet meħtieġa biex jipprevjenu l-ħasil

[69] Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq); ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji; ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); *ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1-145.*

[70] d-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); *ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155-163.*

[71] Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); *ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253-295.*

[72] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) 1094/2010, (UE) 1095/2010, COM/2021/421 final.

[73] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, COM/2021/420 final.

[74] Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849, COM/2021/423 final.

[75] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi (riformulazzjoni), COM/2021/422 final.

tal-flus ("entitajiet marbutin b'obbligu"); it-trasparenza tal-informazzjoni rigward persuni li għandhom jew li jikkontrollaw il-klijenti ta' tali entitajiet; u l-użu ħażin tal-istrument anonimu (bħall-kriptoassi). Għalhekk, ir-Regolament jestendi l-lista tal-entitajiet marbutin b'obbligu biex tinkludi l-fornituri kollha ta' servizzi tal-kriptoassi – kif irrakkomandat mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) – u jissimplifika r-rekwiżiti tas-sjieda benefiċjarja madwar l-UE. Huwa jillimita wkoll it-tranżazzjonijiet fi flus, u jistabbilixxi limitu massimu ta' EUR 10 000 għall-aċċettazzjoni jew għat-twettiq ta' pagamenti fi flus minn persuni li jinnegozjaw f'oġġetti jew li jipprovdu servizzi. Barra minn hekk, dan jarmonizza l-approċċ tal-UE għal pajjiżi terzi b'nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom tal-AML/CFT.

Il-Kummissjoni pproponiet li l-Awtorità tal-AML/CFT tiġi fdata b'setgħat superviżorji diretti u għandha tkun operattiva fl-2024. L-Awtorità għandha tibda teżerċita s-setgħat superviżorji tagħha ladarba l-AMLD6 tkun ġiet trasposta u r-regoli l-ġodda jibdew japplikaw.

Il-pakkett leġiżlattiv qiegħed jiġi diskuss mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u l-Kummissjoni tittama għal proċess leġiżlattiv rapidu.

### 3.2.3. *Miżuri ta' appoġġ oħrajn*

Il-Kummissjoni Ewropea tkompli l-ħidma tagħha relatata ma':

- **It-titjib fil-ġbir ta' *data* statistika.** Minn Jannar 2020, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 44 tal-AMLD, kienet obbligata tiġbor u sussegwentement tirrapporta dwar l-istatistika nazzjonali dwar kwistjonijiet rilevanti għall-effettività tas-sistemi tal-Istati Membri għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għandha tiġi żviluppata wkoll metodoloġija għall-ġbir u għall-istima tal-volumi kwantitattivi tal-ħasil tal-flus.
- **Taħriġ għall-professjonisti li jwettqu attivitajiet koperti minn "privileġġ legali"**. Il-Kummissjoni kienet qiegħda tipprovdi gwida u għarfien prattiku biex tgħinhom jirrikonoxxu operazzjonijiet possibbli ta' ML/TF u kif tipproċedi f'każijiet bħal dawn. Sar proġett iffinanzjat mill-UE għat-taħriġ tal-avukati bejn l-2020 u l-2022[76].
- **Sensibilizzazzjoni pubblika** dwar ir-riskji ta' ML/TF.
- **Monitoraġġ ulterjuri fuq l-iffalsifikar tal-munita u r-rabtiet possibbli tagħha mal-ħasil tal-flus.** Il-programm Pericles IV[77] jiffinanzja skambji tal-persunal, seminars, taħriġ u studji għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, il-banek u oħrajn involuti fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro. Jistgħu jsiru azzjonijiet fiż-żona tal-euro, f'pajjiżi tal-UE barra miż-żona tal-euro u f'pajjiżi terzi.

## 4. RAKKOMANDAZZJONIJIET U SEGWITU

Wara li vvalutat ir-riskji fid-dawl tal-qafas legali aġġornat u l-proposti ppreżentati fil-pakkett leġiżlattiv tagħha, il-Kummissjoni tqis li għandhom jittieħdu serje ta' miżuri ta' mitigazzjoni oħrajn fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu:

- il-livelli ta' riskju ta' ML/TF;
- il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE jew li jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni (sussidjarjetà);

[76] Il-manwali tat-taħriġ jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/publications/aml-CFT-lawyers-training-manuals_mt
[77] https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/euro-area/anti-counterfeiting/pericles-iv-programme_en

- il-ħtieġa ta' miżuri regolatorji jew mhux regolatorji (proporzjonalità); u
- l-impatt fuq il-privatezza u d-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe abbuż jew interpretazzjoni ħażina tar-rakkomandazzjonijiet tagħha li jirriżultaw fi tneħħija tar-riskji, jiġifieri: l-esklużjoni ta' klassijiet sħaħ ta' klijenti u t-terminazzjoni ta' relazzjonijiet mal-klijenti, mingħajr ma jitqies b'mod sħiħ u xieraq il-livell ta' riskju f'settur partikolari. Dan jista' jħalli lill-klijenti mingħajr aċċess għas-sistema finanzjarja. Kif enfasizzat mill-EBA, it-tneħħija tar-riskju tista' tkun għodda leġittima għall-ġestjoni tar-riskju f'xi każijiet iżda tista' tkun ukoll sinjal ta' ġestjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu mhux effettiv, b'konsegwenzi serji[78].

Għalhekk, it-taqsimiet li ġejjin jagħmlu rakkomandazzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri filwaqt li jsegwu wkoll il-progress li sar biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-SNRAs preċedenti.

## 4.1. Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASEs)

### *4.1.1. Is-"sejħa għal parir dwar id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tat-termini ta' promulgazzjoni ta' regolament li għandu jiġi adottat fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu" tal-Kummissjoni Ewropea*

F'Marzu 2020, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu parir mill-EBA dwar l-oqsma li fihom jistgħu jissaħħu r-regoli tal-AML/CFT. L-EBA tat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Settembru 2020[79].

L-EBA rrakkomandat li l-Kummissjoni tipproponi l-armonizzazzjoni tal-aspetti tal-qafas tal-AML/CFT attwali tal-UE meta d-diverġenza tar-regoli nazzjonali rriżultat f'impatt negattiv sinifikanti, bħall-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, is-sistemi ta' kontroll intern, il-valutazzjonijiet tar-riskju superviżorju, il-kooperazzjoni u l-infurzar. L-EBA ssuġġeriet ukoll li l-UE ssaħħaħ l-aspetti tal-qafas legali tagħha meta jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet, speċifikament b'referenza għas-setgħat tas-superviżuri tal-AML/CFT u r-rekwiżiti ta' rapportar.

L-EBA rrakkomandat li l-lista tal-entitajiet marbutin b'obbligu tiġi estiża u ċċarata, b'mod partikolari fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi, id-ditti tal-investiment u l-fondi ta' investiment. Hija ssuġġeriet ukoll li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar is-servizzi finanzjarji (b'mod partikolari s-servizzi ta' pagament, is-servizzi finanzjarji u l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti) biex jiġi żgurat li dawn ikunu kompatibbli mal-objettivi tal-UE tal-AML/CFT.

Dan il-kontribut ġie integrat fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni kollha.

[78] F'Marzu 2021, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ippubblikat tliet strumenti regolatorji biex tindirizza l-prattiki tat-tneħħija tar-riskji bbażati fuq l-evidenza miġbura fis-sejħa tagħha għall-input: https://www.eba.europa.eu/eba-takes-steps-address-%E2%80%98de-risking%E2%80%99-practices

[79] Opinjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar il-qafas futur tal-AML/CFT fl-UE, EBA/OP/2020/14: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Publications/Opinions/2020/931092/Opinion%20on%20the%20future%20AML%20CFT%20framework%20in%20the%20EU.pdf

#### *4.1.2. Is-segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Supranazzjonali tal-2019*

Fir-rapport tal-2019, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom:

- *jipprovdu linji gwida aġġornati dwar il-governanza interna sabiex ikomplu jiċċaraw l-aspettattivi marbuta mal-funzjonijiet ta' uffiċjali għall-konformità f'istituzzjonijiet finanzjarji;*

B'riżultat ta' dan, l-EBA żviluppat linji gwida dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-uffiċjali għall-konformità tal-AML/CFT[80]. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ir-rwol, il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-uffiċjali għall-konformità tal-AML/CFT u tal-korp maniġerjali u l-mod kif jinteraġixxu, inkluż fil-livell tal-grupp. Dawn japplikaw għall-operaturi kollha tas-settur finanzjarju li huma fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-AML.

### 4.2. Rakkomandazzjonijiet għas-superviżuri mhux finanzjarji

Din il-valutazzjoni sabet li t-theddidiet u l-vulnerabbiltajiet li nstabu qabel fiż-żona mhux finanzjarja għadhom fil-biċċa l-kbira applikabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni r-rakkomandazzjonijiet tal-SNRA preċedenti għal korpi awtoregolatorji, b'mod partikolari biex iwettqu aktar spezzjonijiet tematiċi, iżidu l-livell ta' rapportar, u jkomplu jorganizzaw skemi ta' taħriġ biex jiżviluppaw il-fehim tar-riskji tal-AML/CFT u l-obbligi ta' konformità.

### 4.3. Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri (awtoritajiet nazzjonali u/jew superviżuri nazzjonali)

#### *4.3.1. Is-segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Supranazzjonali tal-2019*

Skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li ma japplikaw l-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħhom u jipprovdu ġustifikazzjoni għaliha ("ikkonforma jew spjega"). Sal-lum, l-ebda Stat Membru ma għamel notifika bħal din lill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rakkomandazzjonijiet tal-2019.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-obbligi legali tal-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus jissostitwixxu, totalment jew parzjalment, rakkomandazzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' aktar trasparenza fis-sjieda benefiċjarja, il-limiti mnaqqsa għal xi setturi marbutin mad-diliġenza dovuta tal-klijenti, jew l-estensjoni tal-lista ta' entitajiet marbutin b'obbligu.

It-taqsima li ġejja tagħti dettalji dwar diversi aspetti fundamentali għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

#### (1) L-ambitu tal-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju

Ir-rapporti preċedenti identifikaw in-negozji b'użu intensiv ta' flus kontanti, is-settur tal-NPOs u l-prodotti ta' flus elettroniċi bħala oqsma li l-Istati Membri għandhom

[80] https://www.eba.europa.eu/eba-publishes-guidelines-role-and-responsibilities-amlcft-compliance-officer

jagħtuhom kunsiderazzjoni xierqa fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom u jiddefinixxu miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

Għal dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni sal-lum irċeviet l-aktar valutazzjonijiet nazzjonali reċenti tar-riskju minn 25 Stat Membru[81]. L-Istati Membri li jifdal huma mħeġġa jissottomettuhom b'mod urġenti wara din ir-rakkomandazzjoni.

Dan ir-rapport ifakkar lill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-obbligu tagħhom li jżommu l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom aġġornata. Dan ir-rapport iżomm ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-2019 u jistieden lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li l-**valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali** tagħhom ikopru r-riskji assoċjati mal-prodotti u mas-setturi msemmija u biex jipprevedu miżuri xierqa ta' mitigazzjoni.

### (2) Sjieda benefiċjarja

Huwa kruċjali livell għoli ta' trasparenza tas-sjieda benefiċjarja fil-ġlieda kontra l-użu ħażin tal-entitajiet legali. L-aċċess pubbliku għal din l-informazzjoni jista' jippermetti skrutinju ikbar tal-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, inkluż mill-media jew mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jikkontribwixxi biex tiġi ppreżervata l-fiduċja fl-integrità tas-sistema finanzjarja. Il-fiduċja tal-investituri u tal-pubbliku ġenerali fis-swieq finanzjarji tiddependi parzjalment mill-eżistenza ta' reġim ta' żvelar preċiż li jipprovdi trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda benefiċjarja u l-istrutturi ta' kontroll tal-kumpaniji.

Minħabba dawn ir-raġunijiet, ir-rapport tal-2019 żamm ir-rakkomandazzjoni tal-2017 lill-Istati Membri li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' entitajiet legali u ta' arranġamenti legali għandha tkun adegwata, preċiża u aġġornata. B'mod partikolari, għandhom jiġu żviluppati għodod biex jiġi żgurat li l-identifikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja ssir meta jiġu applikati l-miżuri ta' diliġenza dovuta fuq il-klijenti u li s-setturi l-aktar esposti għal riskji minn skemi ta' sjieda benefiċjarja mhux ċari jiġu mmonitorjati u ssorveljati b'mod effettiv.

Sakemm ir-reġistri pubbliċi ma jiġux implimentati bis-sħiħ u jkun għad hemm diffikultajiet fl-aċċess għall-informazzjoni, il-fluss ta' flus maħmuġin jibqa' riskju reali għall-UE kollha kemm hi. Konsegwentement, dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni tal-2019 u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex **jimplimentaw bis-sħiħ** id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus fir-rigward tar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja.

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tivvaluta l-implimentazzjoni tar-reġistri nazzjonali tas-sjieda benefiċjarja permezz ta' kwestjonarji ddedikati fil-kuntest tal-valutazzjoni orizzontali tagħha tal-implimentazzjoni tal-AMLD5 u qiegħda ssegwi b'attenzjoni l-iżviluppi ta' dan l-element ewlieni tal-qafas legali tal-UE dwar l-AML/CFT[82].

Barra minn hekk, fid-dawl tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-Istati Membri għandhom jantiċipaw, sa fejn ikun possibbli, l-adozzjoni tal-miżuri proposti fil-pakkett Kontra l-Ħasil tal-Flus biex jiżguraw li r-reġistri tas-sjieda benefiċjarja jkun fihom informazzjoni komprensiva.

---

81 Il-Portugall u r-Rumanija għad iridu jibagħtu l-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju waslu wkoll mill-Iżlanda, u min-Norveġja.

82 F'Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat rapport li jivvaluta jekk l-Istati Membri debitament identifikawx it-trusts u l-arranġamenti ġuridiċi kollha rregolati permezz tal-liġijiet tagħhom u jekk dawn kinux soġġetti għall-obbligi tad-Direttiva (UE) 2015/849: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0560

### (3) Riżorsi xierqa għas-superviżuri tal-AML/CFT u għall-UIF

L-Artikolu 32 tal-AMLD jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu lill-UIF tagħhom b'riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Madankollu, ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-allegati każijiet reċenti ta' ħasil tal-flus li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE diġà wera li b'mod kritiku ma kienx hemm biżżejjed superviżuri. Ir-rapport tal-EBA dwar il-ħasil tal-flus u r-riskji ta' finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-UE enfasizza wkoll dan in-nuqqas[83].

Dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jkomplu jintensifikaw aktar l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam u juru li s-superviżuri tal-AML/CFT jistgħu **jwettqu b'mod sħiħ il-kompiti tagħhom**.

### (4) Żieda fl-ispezzjonijiet fuq il-post mis-superviżuri

Ir-rapport tal-2019 żamm ir-rakkomandazzjoni tal-2017 lill-Istati Membri biex iwettqu għadd suffiċjenti ta' spezzjonijiet fuq il-post fir-rigward kemm tas-settur finanzjarju kif ukoll dak mhux finanzjarju.

Għad hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri; bosta indikaw fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom li huma jwettqu spezzjonijiet superviżorji tematiċi regolari, filwaqt li oħrajn irrapportaw li jwettqu valutazzjoni ġenerali tar-riskju.

Fir-rigward tas-settur finanzjarju, l-UIF, is-superviżuri u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-AML/CFT għandhom ikomplu jwettqu **spezzjonijiet fuq il-post** li huma proporzjonati, f'termini ta' frekwenza u intensità, għar-riskji identifikati ta' ML/TF. Dawn iridu jiffukaw fuq ir-riskji speċifiċi ta' ML/TF, skont il-vulnerabbiltajiet speċifiċi inerenti għal xi prodott jew servizz. B'mod partikolari:

- L-Opinjoni tal-EBA dwar ir-riskji ta' ML/TF turi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirċievu l-aktar kopertura f'termini ta' attivitajiet superviżorji. Dan ir-rapport iqis ukoll li huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw mill-qrib il-ġestjoni tar-riskju ta' ML/TF mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk ikun meħtieġ, isaħħu l-isforzi superviżorji tagħhom b'superviżjoni aktar intruživa ta' dawk id-ditti li jippreżentaw l-aktar riskji sinifikanti ta' ML/TF.
- Il-kontrolli fis-settur tal-istituzzjonijiet ta' pagament, li jippreżentaw riskji inerenti sinifikanti, għadhom ikklassifikati bħala batuti jew batuti ħafna[84]. Dan ir-rapport, f'konformità mal-Opinjoni tal-EBA, jirrakkomanda superviżjoni mtejba fuq il-post tas-settur.
- Fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, l-ispezzjonijiet fuq il-post b'ambitu sħiħ jistgħu ma jkunux meħtieġa f'kull każ. Minflok, pereżempju, huma rrakkomandati rieżamijiet tematiċi fuq il-post biex tiġi żgurata kopertura superviżorja adegwata ta' għadd kbir biżżejjed ta' ditti.
- Id-ditti tal-investiment huma wkoll settur li għalih diversi awtoritajiet indikaw li ma wettqu l-ebda spezzjoni barra mis-sit/fuq il-post fil-perjodu taħt rieżami. Għalhekk, għandu jitqies jekk għandux jiżdied il-proporzjon ta' spezzjonijiet imwettqa fuq il-post fid-dawl tar-riskji identifikati.

Għas-settur mhux finanzjarju, dan ir-rapport jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-UIF, is-superviżuri (meta jeżistu) u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-AML/CFT iwettqu

[83] Ikkonsulta pp. 19-20 tal-Opinjoni.

[84] Kif iddikjarat mill-Opinjoni tal-EBA fit-taqsima 4.2.2, "Kwalità tal-kontrolli".

biżżejjed **verifiki għal għarrieda mhux imħabbra** speċjalment fuq negozjanti ta' valur għoli, professjonisti tal-proprjetà immobbli u negozjanti tal-antikitajiet.

### (5) L-UIF, is-superviżuri u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-AML/CFT iwettqu spezzjonijiet tematiċi

Rapporti preċedenti rrakkomandaw li s-superviżuri jiżviluppaw fehim aħjar tar-riskji ta' ML/TF li huwa espost għalihom segment speċifiku tan-negozju. L-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni turi li dan ġara biss sa ċertu punt. Ta' min isemmi wkoll li f'ċerti setturi (eż.: l-arti u l-antikitajiet) ma jeżisti l-ebda superviżur speċifiku.

Fil-qasam tal-iskambju tal-munita (*bureaux de change*), l-awtoritajiet kompetenti huma avżati biex iqisu kif xieraq l-ispezzjonijiet tematiċi ħalli jiżviluppaw fehim wiesa' tar-riskji u tal-kwalità tal-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju fis-settur.

Dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jiżguraw aktar li l-UIF, is-superviżuri (meta jeżistu) u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-AML/CFT iwettqu **spezzjonijiet tematiċi.**

### (6) Lista usa' ta' entitajiet marbutin b'obbligu

Il-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus estendiet l-ambitu tar-reġim tal-AML/CFT għal: kumpaniji fiat-to-crypto u fornituri ta' servizzi tal-kartieri ta' kustodja; negozjanti tal-arti (meta l-valur tat-tranżazzjonijiet jew is-serje ta' tranżazzjonijiet marbuta jammonta għal EUR 10 000 jew aktar); dawk li jipprovdu servizzi simili lil awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa bħala negozju prinċipali jew attività professjonali; u l-aġenti tal-proprjetà li jaġixxu bħala intermedjarji fil-kiri ta' proprjetà meta l-kera ta' kull xahar tkun ekwivalenti għal EUR 10 000 jew aktar. Rieżami tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tat-traspożizzjonijiet nazzjonali mwettqa mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri turi li din il-miżura ta' mitigazzjoni ġeneralment ġiet segwita.

Dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni li tingħata attenzjoni mill-qrib lill-**professjonisti partikolarment f'riskju:** l-aġenti tal-proprjetà, in-negozjanti tal-arti u tal-antikitajiet u n-negozjanti speċifiċi f'oġġetti ta' valur għoli jekk jaċċettaw pagamenti fi flus li jaqbżu ċertu limitu; pjattaformi ta' skambju ta' muniti virtwali u l-fornituri tal-kartieri.

### (7) Livell xieraq ta' diliġenza dovuta tal-klijenti għal tranżazzjonijiet okkażjonali

Fil-proposta għal Regolament tal-AML/CFT, il-Kummissjoni tipproponi li l-entitajiet marbutin b'obbligu ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta fuq klijenti li jwettqu tranżazzjonijiet okkażjonali jew konnessi taħt ċertu valur, sakemm ma jkunx hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Filwaqt li l-limitu ta' EUR 10 000 japplika għall-biċċa l-kbira tat-**tranżazzjonijiet okkażjonali**, l-entitajiet marbutin b'obbligu li joperaw f'setturi jew iwettqu tranżazzjonijiet li jippreżentaw riskju akbar ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu għandhom ikunu meħtieġa japplikaw diliġenza dovuta tal-klijenti għal tranżazzjonijiet b'limiti aktar baxxi.

Għalhekk, dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni tal-2019 lill-Istati Membri biex jistabbilixxu kriterji li jiżguraw li r-regoli dwar id-diliġenza dovuta tal-klijenti applikabbli għar-**relazzjonijiet kummerċjali** ma jiġux evitati.

### (8) Livell xieraq ta' diliġenza dovuta tal-klijenti għal kustodja sigura u għal servizzi simili

Fid-dawl tax-xejra dejjem tikber identifikata fir-rigward tal-użu ta' dawn is-servizzi minn organizzazzjonijiet kriminali biex jaħbu r-rikavat mill-kriminalità, dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jiżguraw livell xieraq ta' **diliġenza dovuta tal-klijenti** għal kustodja sikura u servizzi simili.

### (9) Kooperazzjoni regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet marbutin b'obbligu

Rapporti preċedenti rrakkomandaw kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex tiġi ssimplifikata l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi, jiżdiedu n-numru u l-kwalità tar-rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi, u tiġi pprovduta gwida dwar ir-riskji, id-diliġenza dovuta tal-klijenti, u r-rekwiżiti ta' rapportar. Diversi setturi jkomplu jisħqu fuq in-nuqqas ta' feedback rigward ir-rapporti dwar it-tranżazzjonijiet suspettużi tagħhom bħala problema, b'mod partikolari: dawk tal-logħob tal-azzard, il-konsulenti tat-taxxa, l-awdituri, il-kontabilisti esterni, in-nutara u professjonisti legali indipendenti oħrajn, kif ukoll dawk tas-servizzi ta' trasferiment ta' flus jew ta' valur.

Dan ir-rapport jirrakkomanda **kooperazzjoni mill-qrib u kontinwa** bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-AML/CFT, l-UIF, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u s-settur privat. F'xi Stati Membri ġew stabbiliti Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPPs) biex itejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u biex jikkontribwixxu għat-titjib tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Xi PPPs jinkludu wkoll il-kondiviżjoni ta' informazzjoni tattika biex jiġu appoġġati investigazzjonijiet kontinwi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-entitajiet marbutin b'obbligu jistgħu jaġġustaw aktar is-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom biex jirriflettu t-tipoloġiji u r-riskji l-ġodda.

### (10) Taħriġ speċjali u kontinwu għal entitajiet marbutin b'obbligu

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jindikaw li t-taħriġ ġie pprovdut kif irrakkomandat, u l-gwida dwar l-obbligi tal-AML/CFT inħarġet għal setturi differenti.

Dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni li jiġi pprovdut **aktar taħriġ**, speċjalment fir-rigward ta' entitajiet marbutin b'obbligu li jkunu partikolarment f'riskju, kif identifikat f'din il-valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali.

### (11) Rapportar annwali minn awtoritajiet kompetenti/korpi awtoregolatorji fuq l-attivitajiet tal-AMLCFT tal-entitajiet marbutin b'obbligu skont ir-responsabbiltajiet tagħhom

Il-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali jindikaw li l-attività superviżorja mill-korpi awtoregolatorji għadha attività reċenti, b'livelli diverġenti ta' konformità u, konsegwentement, nuqqas ta' statistika dettaljata. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-AML/CFT tintroduċi dispożizzjonijiet biex tiffaċilita l-konformità tal-entitajiet marbutin b'obbligu mal-obbligi ta' rapportar tagħhom u tippermetti funzjonament aktar effettiv tal-attivitajiet analitiċi u tal-kooperazzjoni tal-UIF. Meta mqabbla mal-Ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, din iżżid il-konsistenza billi tiżgura li meta s-superviżjoni titwettaq minn korpi ta' awtoregolamentazzjoni, dawk il-korpi ta' awtoregolamentazzjoni jkunu soġġetti għal sorveljanza minn awtorità pubblika.

Dan ir-rapport iżomm ir-rakkomandazzjoni preċedenti u jħeġġeġ lill-korpi awtoregolatorji jieħdu **rwol aktar proattiv** fis-superviżjoni tal-AML/CFT.

### 4.4. Analiżi tar-riskju skont il-prodott/is-servizz — rakkomandazzjonijiet speċifiċi

Minbarra r-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq[85], hemm bżonn ta' azzjoni rigward il-prodott/is-settur speċifiku li ġej[86]:

#### *4.4.1. Flus u assi simili għall-flus*

- Fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu r-riskji li jirriżultaw minn pagamenti fi flus ta' valur kbir u minn negozji b'użu intensiv ta' flus kontanti, u jieħdu l-miżuri xierqa ta' mitigazzjoni.

#### *4.4.2. Settur finanzjarju*

- Huwa essenzjali li l-Istati Membri jiżviluppaw u jtejbu r-reġistri tas-sjieda benefiċjarja tagħhom biex jgħinu fit-twettiq ta' verifiki sodi tad-diliġenza dovuta tal-klijenti.
- L-Istati Membri għandhom itejbu s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' detezzjoni applikabbli għall-prodotti li huma esposti aktar għar-riskji ta' TF.
- L-Istati Membri għandhom ikomplu jwettqu spezzjonijiet tematiċi, li jiffukaw fuq oqsma differenti skont is-settur/il-prodott. Għall-ispezzjonijiet fuq il-post f'kumpaniji rilevanti f'settur partikolari, huwa aktar effiċjenti li jiġu magħżula oqsma ta' riskju milli li ssir spezzjoni ġenerali; dan jagħti lis-superviżuri stampa ċara tal-aħjar prattiki u tan-nuqqasijiet l-aktar sinifikanti.
- L-għoti ta' taħriġ u gwida dwar il-fatturi ta' riskju bħalma huma r-relazzjonijiet jew tranżazzjonijiet kummerċjali mhux wiċċ imb wiċċ, l-intermedjarji u l-klijenti professjonali offshore u strutturi kumplessi jew fittizji.

#### *4.4.3. Is-settur u l-prodotti mhux finanzjarji — Negozji u professjonijiet speċifiċi mhux finanzjarji*

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet/il-korpi awtoregolatorji kompetenti jipprovdu taħriġ u gwida dwar il-fatturi ta' riskju, b'enfasi speċifika fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali li ma jsirux wiċċ imb wiċċ, l-intermedjarji u il-klijenti jew il-ġuriżdizzjonijiet professjonali offshore, u strutturi kumplessi jew fittizji.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet/il-korpi awtoregolatorji kompetenti jwettqu spezzjonijiet tematiċi dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju.
- L-awtoritajiet/il-korpi awtoregolatorji kompetenti għandhom jipprovdu lill-Istati Membri b'rapporti annwali dwar il-miżuri meħuda biex tiġi vvalutata l-konformità tal-entitajiet marbutin b'obbligu mal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-klijenti tagħhom, inklużi r-rekwiżiti tas-sid benefiċjarju, ir-rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi li joffru pariri lil impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istruttura industrijali u kwistjonijiet relatati, kif ukoll

---

[85] Hawnhekk qegħdin jiġu mtennija xi rakkomandazzjonijiet fil-kuntest ta' setturi speċifiċi.

[86] Għal aktar dettalji dwar ir-rakkomandazzjonijiet skont il-prodott/is-servizz, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

pariri u servizzi relatati ma' fużjonijiet u max-xiri ta' impriżi, jkunu konformi mal-obbligi tagħhom ta' sid benefiċjarju.

#### 4.4.4. *Is-settur tal-logħob tal-azzard*

- L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu programmi biex jissensibilizzaw lill-operaturi tal-logħob tal-azzard online dwar il-fatturi ta' riskju emerġenti li jistgħu jaffettwaw il-vulnerabbiltà tas-settur, inkluż l-użu tal-flus elettroniċi anonimi u tal-muniti virtwali kif ukoll it-tfaċċar ta' operaturi tal-logħob tal-azzard online mhux awtorizzati. Feedback mill-UIF dwar il-kwalità tar-rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi jtejjeb ir-rapportar u l-użu li jsir mill-informazzjoni mogħtija.
- Minbarra s-sessjonijiet ta' taħriġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata taħriġ adegwat li jiffoka fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju xierqa għall-mudelli ta' prodotti/negozji rilevanti, għall-persunal, għall-uffiċjali għall-konformità u għall-bejjiegħa bl-imnut.

#### 4.4.5. *Ġbir u trasferimenti ta' fondi permezz ta' organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ*

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ ikunu aktar involuti fil-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju, speċjalment fir-rigward tal-possibbiltà ta' tneħħija tar-riskji mill-istituzzjonijiet finanzjarji.
- L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' abbuż tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u jipprovdulhom materjal li jqajjem kuxjenza dwar dan.

#### 4.4.6. *Il-futbol professjonali, il-portijiet ħielsa, iċ-ċittadinanza b'investiment u l-iskemi ta' residenza*

- *Il-futbol professjonali* – l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw liema atturi għandhom ikunu koperti mill-obbligu li jirrapportaw tranżazzjonijiet suspettużi, u liema rekwiżiti għandhom japplikaw għall-kontroll u għar-reġistrazzjoni tal-oriġini tad-detenturi tal-kontijiet u tal-benefiċjarji tal-fondi.
- *Il-portijiet ħielsa* – l-Istati Membri għandhom jimplimentaw awditi indipendenti u regolari kontra l-ħasil tal-flus, fuq il-funzjonijiet miftiehma ta' konformità tal-operaturi ta' portijiet ħielsa, u jiżguraw infurzar adegwat u konsistenti tal-proċeduri kontra l-ħasil tal-flus u tas-sorveljanza li diġà huma stabbiliti fil-liġi.
- *L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment u ta' residenza b'investiment* – l-Istati Membri għandhom jabolixxu l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment u jivvalutaw bir-reqqa r-riskji ta' ML/TF fl-iskemi ta' residenza b'investiment tagħhom.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' din il-valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali u terġa' tirrapporta, fil-prinċipju sal-2024, fid-dawl tal-bidliet li jistgħu jiġu introdotti fil-qafas regolatorju attwali tal-UE. Ir-rieżami se jivvaluta wkoll kif il-miżuri tal-UE u dawk nazzjonali jaffettwaw il-livelli ta' riskju.